MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 635/2000/1

**Avviz.  numru  635/00 DM**

**Maltacom plc**

**Vs**

**Mario Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm455.66) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni ma' riparazzjoni ta' hsarat li l-konvbenut kkaguna fuq cables appartenenti lis-socjeta attrici f'Mejju tal-1998 fi Triq ir-Repubblika, Valletta, skond ma kif jidher mill-prospett anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Spiteri fejn eccepixxa illi:-

1. Il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ma huwiex responsabbli ghall qtugh ta’ l-allegat cables u dana kif ser jigi ppruvatt ahjar fil-mori tal-kawza;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti:

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi il-kumpanija attrici qeda tallega illi il-konvenut Mario Spiteri waqt illi kien qieghed jaghmel xi xogholijiet fit-triq Repubblika, il-Belt f’Mejju ta’ l-1998 kien ikkaguna hsarat f’cable, propjeta tal-kumpanija attrici, evidentament minhabba traskurangni jew imperizia.

Ghalhekk, jispetta lill-kumpanija attrici illi tipprova illi kien il-konvenut li effettivament kien qed jaghmel l-iskavazzjonijiet fil-post fejn grat il-hsara, illi l-istess konvenut ikkawza xi hsarat u illi dawn il-hsarat kienu dovuti ghal traskuragni jew imperizia tal-konvenut. In oltre jispetta lill-kumpanija attrici illi tipprova ukoll f’liema parti tal-cables taghha mifruxin f’triq ir-Repubblika saret il-hsara in kwistjoni stante id-diversi xogholijiet matul il-cables taghha.

Izda il-provi prodotti mhux biss ma jidentifikawx il-post fejn grat il-hsara allegata, izda jwasslu biss biex jigi determinat illi l-konvenut kien wiehed minn diversi kuntratturi illi xi hin jew iehor kien qieghed jaghmel xogholijiet fi triq Repubblika.

Mhux biss ma ngibetx prova illi tista’ torbot lill-konvenut Mario Spiteri ma xi hsara jew ma xi wahda mill-hsarat li jidher illi avveraw ruhhom matul il-perjodu twil li kienu jsiru x-xoghlijiet, izda il-kumpanija attrici lanqas ma produciet xi prova biex tindika x’kienet il-hsara ezatta, fejn grat il-hsara u kif telghat l-ispiza ta’ erba’ mija u hamsa u hamsin lira u sitta u sittin centesmi (Lm455.66) biex saru ir-riparazzjonijiet.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici ma gietx ippruvata u ghalhekk tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------